**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 447/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**David Gauci**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, David Gauci, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 343947M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta' Gunju 2011 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (10:00pm) fi Triq Ġorg Borg Olivier San Giljan u/jew fil-viċinanzi:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delit cioe` mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ittanta jikkometti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Gauci u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

2. Ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq ħuh Stephen Gauci liema ċirkostanza hija aggravanti minħabba dan il-fatt.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna biża lill-istess Stephen Gauci li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu.

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi inġurja jew hedded lill-istess Stephen Gauci bi kliem;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel l-istess offiża b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez.

6. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi talli ma kellux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija biex iżomm tali arma.

7. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied.

Aktar talli rrenda ruħu reċediv b'sentenza tal-Qorti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati – Malta liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel. Il-prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija tipprovdi għal garanzija ta' Stephen Gauci skont l-artikolu 383 tal-Kap 9 u li oltre l-piena, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` ta' Stephen Gauci jew biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza jew billi taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat;

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta` ta' Stephen Gauci jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti u finalment sabiex jekk jidhrilha xieraq tobbliga lill-imputat b'obbligu msaħħah bi pleggerija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-5 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat **David Gauci** ħati tal-akkużi [*recte*: imputazzjonijiet] kollha kif dedotti kontrih u in kwantu għas-sitt (6) akkuża ikkundannatu għal multa ta' mija u sittax il-Ewro u seba' u erbghin centezmu (EUR 116.47) u in kwantu għall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-seba' (7)

akkużi ikkundannatu għal piena ta' priġunerija effettiva ta' tmien (8) xhur stante l-addebitu tar-reċidiva;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar u tannulla** s-sentenza appellata, fin-nuqqas **tvarja** u timmodifika l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonferma inkwantu sabitu ħati tal-akkużi 2, 4 u 7 tilliberaħ minn kull piena u imputazzjoni sa fejn jirrigwardaw l-akkużi 1, 3, 5 u 6 u f'każ li ma tintlaqax l-ewwel talba, kemm jekk dan l-appell jintlaqa' kif mitlub u anke jekk ma jintlaqax, **tbiddel** u tvarja l-piena għal waħda anqas severa minn dik inflitta għal waħda li ma tkunx ta' priġunerija effettiva.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel lanjanza tal-appellant hi wahda ta' natura legali li biha jikritika l-operat tal-ewwel Qorti kwantu naqset milli tiehu konjizzjoni tan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu tant illi ddikjarat fl-istess sentenza illi kien naqas milli jintavola dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub kif awtorizzat. Skond l-appellant, dan jeledi d-dritt ta' smiegh xieraq u ghalhekk talab li s-sentenza tkun dikjarata nulla;

2. Ezaminati l-atti processwali tirrizulta s-segwenti sekwenza wara l-eghluq tal-provi. Fl-udjenza tas-27 t'Ottubru, 2014, deher l-imputat mhux assistit u l-Qorti ddikjarat li semghet il-konferma tieghu li d-difiza ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Ghalhekk il-kawza thalliet ghas-entenza ghad-9 ta' Frar 2015 bil-fakolta' ta' nota ta' sottomissjonjiet fi zmien xahar ghall-prosekuzzjoni notifkata lill-kontro-parti li jkollha xahar zmien tirregistra nota mid-data tan-notifika. Il-prosekuzzjoni intavolat in-nota taghha fil-31 t'Ottubru, 2014 bil-visto tal-10 ta' Novembru 2014 li jfisser li d-difiza kellha sal-10 ta' Dicembru sabiex tirregistra n-nota taghha;

3. Fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2015 meta allura kellha tinghata s-sentenza, deher biss l-Ufficcjal Prosekutur u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-18 ta' Mejju, 2015. F'din l-ahhar data ma jidher li sehhet l-ebda seduta u l-verbal li jissokta u tal-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2015 li fih hemm registrat li l-kawza kienet deciza;

4. Fl-aggravju tieghu, l-appellant jallega li huwa kien fil-fatt hejja n-nota ta' sottomissjonjiet tieghu u intavolaha fit-22 ta' Dicembru izda din ma kienitx akkluza mal-atti processwali possibilment dovut ghal-xi zball peress illi dawk kienu granet festivi. Mar-rikors tal-appell tieghu hemm anness kopja ta' din in-nota u kopja ta' ricevuta tal-Cash Office tal-Qorti tal-Magistrati ghal-RIKORS – Cash No. 988/12/2014 – Received on: 22/12/2014 IL-PULIZIJA VS GAUCI DAVID. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti qieghda eccezzjonalment tammetti dawn il-kopji bhala formanti parti mill-atti odjerni. Issa, oltre minn hekk, u flimkien ma' dawn

iz-zewg dokumenti hemm anness ukoll kopja ta' rikors tal-istess David Gauci li bih, wara li spjega li kien ddekada mit-terminu tal-10 ta' Dicembru 2014 li fih kellu jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, talab lil-ewwel Qorti tammetti n-nota tieghu. Dak li gara ghalhekk hu li l-imputat ma onerax it-terminu originarjament moghti lilu u korrettament intavola rikors sabiex ikun awtorizzat jipprezenta n-nota tardivament. Dawn l-atti ma jifformawx parti mill-atti kumpilati mill-ewwel Qorti u ghalhekk ma jidhirx li qatt kien hemm digriet sabiex in-nota tkun intavolata;

5. Fl-istess waqt, pero', irid jinghad illi ghalkemm l-imputat kien korrett fil-mod kif mexa billi intavola rikors, huwa qatt ma segwa l-ezitu tieghu u jidher li kien strah fuq il-fatt illi n-nota kienet mehmuza mal-istess rikors u li allura l-Qorti kienet ser tiehu konjizzjoni tieghu xorta wahda. Din il-Qorti, izda, tfakkar fis-sekwenza elenkata *supra* fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Frar 2015. Sa dakinhar, meta allura l-kawza ma kienitx deciza, l-imputat ma kienx ghadu jaf x'sar mir-rikors tieghu u minkejja li s-sentenza ma inghatatx, wisq anqas fl-udjenza ta' Mejju, baqa' ma segwiex ir-rikors sakemm inghatat is-sentenza f'Ottubru, 2015;

6. Illi ghalhekk ma huwiex korrett l-appellant meta donnu jatribwixxi l-htija fuq l-ewwel Qorti anke jekk b'mod rizervat. Din il-Qorti mhix sejra toqghod lura f'kaz li kellha ticcensura l-operat ta' Qorti tal-ewwel Grad, izda fil-kaz odjern ma hemm xejn li jista' jimmerita dan. Wara li l-ewwel Qorti ghamlet rassenja u sintezi tax-xhieda nnutat illi d-difiza naqset milli taghmel is-sottomissjonijiet taghha minkejja li debitament

notifikata bis-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni. Dak li ghamlet l-ewwel Qorti, izda, kien li indikat dan bhala stat ta' fatt u bl-ebda mod ma jista' qatt jiftiehem illi b'daqshekk kienet qed tiehu dak il-fatt bhala konsiderazzjoni dwar sejbien ta' htija. Lanqas ma jfisser illi b'daqshekk l-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-elementi tar-reat anke jekk dan muhiex indikat fil-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li qed tkun hawn riprodotta:

*Illi mill-provi prodotti johrog car is-sitwazzjoni familjari xejn felici illi kienet tezisti bejn l-imputat David Gauci u huh il-vittma Stephen Gauci li kien ikollhom xi argumenti fuq il-wirt tal-genituri taghhom.*

*Hareg ukoll permezz ta' xhieda okulari li gharfu lill-imputat kif ukoll spjegaw kif gara ir-reat permezz ta' sikkina u anke b'partikolaritajiet ohra bhal dawk tal-karozza tal-imputat.*

*Hareg ukoll illi meta l-imputat hareg bis-sikkina ghall-parte civile huwa beda jghajjat il-kliem* ***"Ha noqtlok, Ha noqtlok"****, u allura dan jindika b'mod car l-animu tal-imputat li kien li jwegga lil huh u mhux semplicement li jbezzghu.*

*Illi ix-xhieda in difeza ftit li xejn ghenu lil din il-Qorti u dan ghaliex ix-xhieda taghhom kienet kollha ikkoncentrat fuq is-sitwazzjoni ta' bejn l-ahwa u jekk forsi dawn ingabu biex johrog il-karattru tal-vittma, xorta wahda ma kienx rilevanti ghal kaz in ezami ghaliex anke jekk persuna jista' jkollha xi tghid ma' huha, ma jfissirx illi hija tista' tmur u*

*tikkagunalu griehi. Il-fatt illi l-imptuat kien fil-karozza tieghu, waqaf, hareg u mar ghal huh bis-sikkina juri certa determinazzjoni da parti tieghu sabiex iwegghu.*

7. Huwa minnu li l-kunsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ma humhiex daqstant elaborati izda din hija in regolat skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u minn ezami akkurat taghha jidher illi l-ewwel Qorti kkunsidrat il-linji difensjonali tal-imputat kif sollevati fin-nota ta- sottomijssjonijiet tieghu anke jekk din ma kienitx in atti;

8. Issa, din il-Qorti maz-zminijiet gieli laqghet aggravji ta' natura simili inkluz fejn kien allegat nuqqas ta' smiegh xieraq u konsegwentement annullat is-sentenza appellata. Per ezemplari jistghu jkunu citati appelli fejn <u>l-imputat ma kienx assistit quddiem l-ewwel Qorti </u>(Il-Pulizija vs Reuben Bonnici 23.2.2011 502/10DS); <u>Meta l-Qorti tonqos li tisma' xhud debitament ingunt</u> (Il-Pulizija vs Clive Debono 14.0.2004 144/2004 JGD, Il-Pulizija vs Gianluca Coleiro 3.5.2018 249/2017 EG, il-Pulizija vs Johan Cefai 24.5.2019 347/2018 GMG u Il-Pulizija vs Saviour Farrugia 25.7.1994); <u>Meta l-Qorti tonqos milli taghti l-opportunita' lill-parti milli tikkonkludi l-kaz taghha </u>(Il-Pulizija vs Mary Rose u Charmaine Vella DATA 507/2017 GMG, Il-Pulizija vs Raymond Mifsud DATA 124/2018 GMG u Il-Pulizija vs Robert Sant DATA 121/2019 GMG). Issa, ghalkemm indagini ta' allegat nuqqas ta' smiegh xieraq ma huwiex prettament fil-mansjoni ta' din il-Qorti, lanqas ma jista jitqies li kien lez id-dritt tal-imputat meta nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma kienitx ghad-disposizzjoni tal-Magistrat decident;

9. Dwar dan, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 t'Ottubru, 2020 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Etienne Vella Rik 55/2019 wara referenza ta' din il-Qorti fuq punt konsimili. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) li ddikjarat li ma kien hemm ebda lezjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq kif sancit fid-dritt Kostituzzjonali u dak Konvenzjonali. Din il-Qorti ghalhekk tistrieh fuq din id-decizzjoni u tichad l-aggravju ta' nullita tas-sentenza propost mill-appellant u dan wara li qieset bir-reqqa li l-fatt li n-nota tieghu ma kienitx in atti ma kienx jincidi fuq id-decizzjoni tal-ewwel Qorti.

10. Fit-tieni aggravju, l-appellant jallega apprezzament hazin tal-fatti. Dan il-gravam jirrikjedi ezami approfondit tal-fatti u ghalhekk issegwi sintezi tad-deposizzjonijiet. Fl-ewwel lok, il-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt li Stephen Gauci kien ghaddej bil-pass fl-inhawi ta' San Giljan, waqfet vettura u minnha hareg huh David Gauci li agredixxa lill-istess Stephen Gauci allegatament b'sikkina u dan tal-ahhar sofra offizi fuq il-persuna tieghu kif ser ikun deskritt aktar 'l isfel. Stephen Gauci irnexxielu jasal sal-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn inghata l-ewwel ghajnuna;

11. **Stephen Gauci** xehed illi fis-27 ta' Ġunju 2011 kienet waqfet karozza quddiemu ħdejn il-Balluta Pitch. Minn din il-vettura hareg huh b'sikkina ta' 35 cm u beda jxejjer biha waqt li jghajjat "noqtlok, noqtlok" u prova jiżgiċċa izda xorta laqtu biha. Dak il-hin qamu xi nies minn fejn kienu u rnexxielu jigri

sal-Ghassa tal-Pulizija. u hu pprova jmur l-għassa tal-Pulizija. L-imputat laqtu fuq rasu u fil-minkeb tax-xellug u fil-genb ta' rasu li kollha kienu jirrikjedu suturi u laqtu ukoll fuq spalltu u f'daru. In-kontro-ezami xehed li qatt ma kien hemm relazzjoni tajba bejnithom u li minn ghaxar ahwa kien tajjeb biss ma' wiehed minnhom u dan ghaliex skond hu ma kienux jirrespettaw lill-ommhom. Jinnega li l-imputat kien irrabjat ghaliex kien dahhal lill-ommhom l-isptar. Qabel dan l-incident ma kien hemm ebda argumenti bejnithom u ma qal ebda diskors lill-imputat qabel hareg mill-karozza;

12. **Joshua Spiteri** spjega kif kien qieghed il-Pitch tal-Waterpolo ta' San Giljan flimkien mat-tfajla tieghu u f'daqqa wahda ra vettura tieqaf, li taghha provda ukoll in-numru, u minnha nizel ragel u beda jaghti lil ragel iehor li dak il-hin kien miexi fost hafna ghajjat. Mar jara x'gara meta dak li qala' x-xebgha harab jigri u jara sikkina ftit imsadda f'id l-allegat agressur. Dan ix-xhud telaq jigri wara l-midrub u wasslu l-ghassa.

13. **Denise Caruana** xehed li dak inhar waqt li kienet f'Cafe' San Giljan instemghu il-brakijiet ta' vettura u kulhadd qam jara x'gara u raw lil xi hadd jaghti daqqa ta' sikkina lill xi hadd iehor u n-nies marru biex jippruvaw izommuh izda dan harab jigri. Din is-sikkina kienet ta' madwar 30 cm u l-midrub kellu qasma f'rasu.

14. **L-Ispettur Trevor Micallef** xehed illi l-Ghassa ta' San Giljan kienu infurmati li persuna kienet qalghet daqqiet ta' sikkina u dak il-hin stess dahal fl-ghassa Stephen Gauci miksi bid-demm. Fuq l-informazzjoni moghtija minn Stephen Gauci, l-pulizija accediet fir-residenza tal-imputat izda ma sabitux hemm u ftit minuti wara ta ruhu b'idejh lill-Pulizija. Tfittxija ghas-sikkina rrizultat fin-negattiv. **WPC 245** Christina Delia kkonfermat il-fatti kif xehedhom l-Ispettur Micallef li waqt li kienet qed tiehu t-telefonata mill-Control Room dahal fl-ghassa ragel akkumpanjat minn zewg persuni ohra u li kien miksi bid-demm. Dawn spjegaw lill-ufficcjal dak li kienu raw jigifieri lill-imputat jaghti b'sikkina lill-vittma b' tip ta' *butcher's knife;*

15. Dwar l-offizi fuq il-persuna ta' Stephen Gauci, xehedet **Arlette Vassallo** li bdiet billi kkonferma ic-certifikat minnha mahrug u esebit a fol 8 tal-atti processwali. Spjegat kif il-pazjent kellu bzonn ta' 8 suturi fuq rasu f'dik il-parti msejha *vertex*, zewg suturi ohra ghall-lacerazzjoni ta' zewg centimetri fuq il-minkeb tax-xellug. Gauci kellu ukoll abrazjoni superficjali ta' 15-il centimetru fuq dahru bil-hmura madwarha u ohra ta' 10 centimetri fuq l-id tax-xellug kif ukoll tbengil bid-demm taht il-gilda fuq il-lemin ta' rasu. Issa ghalkemm f'din id-deposizzjoni ix-xhud tiddeskrivi l-offiza fuq ras Stephen Gauci bhala barxa, fic-certifikat taghha hi dettaljata bhala *laceration*.

16. **Faxxiklu ritratti: PS 465** Daniel Abela, pprezenta faxxiklu ritratti tal-offizi fuq il-persuna ta' Stephen Gauci.

Dawn ir-ritratti juru b'mod dettaljat stampa ta' dawn l-offizi u juru ritratt frontali tal-persuna b'qasma fuq haddejh tax-xellug, girfa fonda fuq daharu ta' tul ta' cirka 6 pulzieri, gerha fuq il-minkeb tax-xellug, girfa jew abbrazjoni fuq il-genb tad-driegh tax-xellug u gerha fuq ir ras b'diversi suturi;

17. **Ivan Gauci**, wiehed mill-ahwa tal-imputat u l-parte civile, xehed dwar il-kwistjoni tal-wirt u r-relazzjoni tal-ahwa mal-parte civile li jgib ruhu qisu barrani u qisu jrid jaghmel vendetta mill-familja. Kien jghajjat ma' ommhom anke ghaliex thammeg xi *switch* u dejjem irid jiggieled maghhom u ma tistax tkellmu ghaliex jaqbad jghajjat. L-istess ddeskriviet lill-parte civile, ohtu **Paula Gauci**, igifieri bhala persuna li ma tistax tkellmu ghaliex jitlalu malajr, huwa supperv u jahseb li hu xi haga li hadd ma jista' ghalih. L-istess kliem kellha xi tghid **Carmen Sciberras** ukoll, oht il-partijiet hlief li hi ma tkellimx lill-parte civile izda ddeskrivietu bhala bniedem li tibza' tkellmu;

*18.* Wara din ir-rassenja, jokkorri jkun ezaminat it-tieni aggravju li fih l-appellant jallega li l-ewwel Qorti naqset li tapprezza li s-sors tal-inkwiet kollu kien proprju l-parte civile "li wara li mietet ommhom, l-esponent sar jaf minghand hutu kif dan huh kien jitratta lill-ommu li tant kien ihobb". Il-Qorti, frankament ma tistax tifhem dan l-aggravju hlief jekk jinkwadra ruhu fil-linja difensjonali tal-provokazzjoni li ser ikun diskuss aktar 'l isfel. Is-sors tal-inkwiet ma ghandu ebda relevanza fil-kwistjoni hawn skrutinata essendo ta' indoli penali. Jekk b'dan, l-appellant irid ifisser illi dan kollu kien

tort tal-parte civile u li ghalhekk dan kellu jkun apprezzat mill-ewwel Qorti allura huwa zbaljat. Fi kwalunkwe, kaz, l-ewwel Qorti rriteniet: *Illi mill-provi prodotti j[t]oħroġ ċar is-sitwazzjoni familjari xejn feliċi illi kienet teżisti bejn l-imputat David Gauci u ħuh il-vittma Stephen Gauci li kien ikollhom xi argumenti fuq il-wirt tal-ġenituri tagħhom.*' Inoltre: '*Illi x-xhieda in difeża ftit li xejn għenu lil din il-Qorti u dan għaliex ix-xhieda tagħhom kienet kollha ikkonċentrata fuq is-sitwazzjoni ta' bejn l-aħwa u jekk forsi dawn inġabu biex joħroġ il-karattru tal-vittma, xorta waħda ma kienx relevanti għall-każ in eżami għaliex anke jekk persuna jkollha xi tgħid ma' ħuha ma jfissirx illi hija tista' tmur u tikkaġunalu ġrieħi. Il-fatt li l-imputat kien fil-karozza tiegħu, waqaf, ħareġ u mar għal ħuh b'sikkina juri ċerta determinazzjoni da parti tiegħu biex iweġġgħu.'* Isegwi ghalhekk li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tas-sitwazzjoni familjari li kienet tirrenja bejn l-ahwa;

19. It-tieni aggravju jestendi ukoll fuq il-linja difensjonali tal-provokazzjoni. Fl-appell tieghu, l-appellant jaghmel referenza ghall-istqarrija tieghu minnu rilaxxjata u esebita in atti. La darba ma jressaq ebda lanjanza dwarha anke jekk mehuda lura fis-sena 2011 din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha stante li hi l-uniku fonti li minnu jistghu jirrizultaw xi indizji biex b'hekk tista' tkun pruvata din il-linja difensjonali. Fir-rakkont tal-fatti l-imputat spjega kif dakinhar kien ghaddej bil-vettura tieghu u "*innutajt lil hija wisq probabbli qatali idejh ghax diga' innutajtu ghamilli darbtejn ohra. Jien kont sejjer direzzjoni lejn Sliema u hija bil-maqlub. Jiena waqaft fejn il-pitch normali fil-genb tat-triq, hemm kiosk*

*hemm, kif waqaft, jien hrigt minn gol-karozza u qbadna argument fuq ommi u fuq xi flus, insomma fuq il-wirt biex naqtahha fil-qasir, dan hija il-hin kollu jibghat messaggi u jhedded lil ahwa kollha. Ahna qbadna naghtu flimkien, hu habat ghalija u jien ghamilt l-istess, imbaghad dahhlu n-nies u waqafna, dhalt fil-karozza u dhalt, glieda ta' zewg minuti kollox kien hemm"*;

20. Fir-rakkont tieghu l-imputat kkonceda li kellu bicca injama sewda u kif ta daqqa biha din taret. Din kienet fil-vettura ghaliex hu delettant tal-insib u cahad li din kienet sikkina.

21. Is-segwenti huma l-punti mressqa mill-imputat fil-linja difensjonali tieghu tal-provokazzjoni: Li waqt li kien fil-vettura tieghu ra lill-parte civile jghamillu mossa b'idejh; hareg car waqt it-trattament tal-kawza li hu bniedem li jisfida lill-awtorita' ahseb u ara lil huh; il-parti leza kien ilu jinbex, jiffastidja u anke jinki lill-familja tieghu; r-reazzjoni tal-imputat kienet wahda ta' bniedem ta' temperament ordinarju. It-tieni punt jirreferi ghal incident quddiem l-ewwel Qorti meta wara li l-parte civile kien beda battibekk mal-avukat difensur b'kummenti ta' ton politiku minn naha tal-istess parte civile, l-Qorti kienet sabitu hati ta' disprezz u bhallikieku dak ma kienx bizzejjed baqa' jisfida sahansitra lill-Qorti li kellha tirrikorri ghas-sanzjoni ta' detenzjoni;

22. L-azzjoni tal-appellant tista' tkun klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni kemm il-darba jokkorru l-elementi

kollha ravvizati fil-ligi. Fil-ligi taghna, l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ex artikolu 227 u 230 tal-Kap 9 jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Din iggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena f'kaz ta' sejbien ta' htija u fit-termini tal-artikolu 235, il-provokazzjoni ma tiswiex lill-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. Ghalhekk wiehed mill-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt;

23. L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju hu applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna;

24. Harsa issa lejn l-artikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju turi li dak applikabbli ghal kwistjoni hawn skrutinata huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti "jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija. Issa kwantu l-piena, l-artikoli 231 (1) (b) u (c) jipprovdu li akkuzat, u f'dan il-kaz imputat, jinsab hati, jehel piena ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 u prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jekk tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija

fl-artikolu 218;

25. L-ewwel element tal-iskuzanti tal-provokazzjoni ghalhekk hu dak imsemmi fl-artikolu 235 li jipprovdi hekk: "Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza. Fil-kaz odjern irid ikun deciz jekk ir-rejazzjoni tal-appellant, minghajr ghalissa ma jitqies jekk tirrizulta jew le, kienetx wahda istantanea u ezegwita immedjatament malli hareg mill-vettura tieghu jew biex kif jghid hu ikellem lill-parte civile jew kif jghidu x-xhieda biex jaggredih;

26. Id-decizzjoni dwar din tippernja fuq liema verzjoni emmnet l-ewwel Qorti. U minn dak li jemergi mill-provi, ma hemm xejn x'jiddimostra li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn temmen lill-parte civile u lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi pparkja l-vettura tieghu b'mod normali u hareg biex ikellem lill-parte civile meta fid-diskursata inqalghet il-glieda. Il-parte civile invece jghid li l-imputat waqaf bil-vettura tieghu, hareg u attakkah b'sikkina. Hekk jghidu ukoll xhieda indipendenti u bla interess fil-kawza meta jiddiskrivu kif semghu brake ta' karozza u assistew ghax-xena kif deskritta mill-parte civile;

27. Dan iwassal ghat-tieni element li jirrikjedi li r-rejazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija. Anke f'dan ir-rigward, id-difiza mressqa mill-appellant hija

nieqsa minn dan l-element. Dan ghaliex ir-rabja li kellu l-imputat kienet wahda li kienet ilha tinhema matul iz-zmien u mhux provokata b'azzjoni li spuntat dak il-hin. L-imputat stess jghid illi huh kien ilu jhedded lilu u lil hutu anke b'messaggi. Issa ghalkemm ma ressaq l-ebda prova dwar dan it-theddid, xorta jibqa' l-fatt illi jekk kien hekk, dan certament la sar f'dak il-hin u wisq anqas kien jekwipari ghall-provokazzjoni ta' offiza gravi. L-aktar li l-imputat jista' jqarreb ghat-tieni element hu dak li l-parte civle ghamillu mossa b'idejh meta rah ghaddej fil-vettura tieghu, izda dan ukoll ma jersaq mkien bhala ekwiparabbli ghall-provokazzjoni ta' offiza gravi fuq il-persuna tieghu;

28. Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad, igifieri dak invokat mill-appellant, jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet ohra jitqiesu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw ir-rekwiziti hemm msemmija fosthom li r-raguni ghal dik l-azzjoni "kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Mill-provi mressqa, il-Qorti ma rriskontrat ebda sinistru fl-agir tal-parte civile li seta' jqanqal ir-reazzjoni tal-imputat li johrog mill-vettura tieghu u jagredixxi lill-parte civile;

29. Ta' importanza ugwali ukoll huwa l-artikolu 229(c) li jipprovdi li l-iskuza tal-provokazzjoni mhix ammissibbli jekk il-hati jfittex il-provokazzjoni bhala pretest biex joqtol jew biex jaghmel hsara gravi fuq il-persuna, inkella jfittex li joqtol jew li jaghmel hsara gravi fuq il-persuna qabel ma kien hemm ebda provokazzjoni. Minn dak li ngieb ghal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti, huwa indikattiv li anke li kieku kellha

titwemmen il-verzjoni tal-imputat, huwa ragjonevoli li jkun konkluz li kien hu li fittex il-provokazzjoni bhala pretest meta armat, skond hu b'bicca njama, waqqaf lill-parte civile fit-triq biex ikellmu dwar il-wirt ta' ommu meta jaf li hemm disgwid kbir in rigward;

30. In konkluzzjoni dwar dan l-argument, tajjeb li tkun citata s-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Lulju 2013 'Il-Pulizija vs Alan Gauci' li ccitat lill-Professur Mamo in sostenn tal-kunsiderazzjonijiet taghha meta rriteniet:

*'L-awtur rinomat Anthony J. Mamo jispjega b'mod ċar, pero' fil-kuntest analogu tal-omiċidju volontarju: "**As a general rule, no words or gestures, however opprobrious or provoking will be considered to be provocation sufficient to excuse homicide by reason of instantaneous passion, if the killing is effected with a deadly weapon.**". Il-Professur Mamo jkompli jispjega wkoll illi "provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall be proportionate. It is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain dominion over the mind, and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge, and not heat of blood. '*

31. Il-Qorti hija ukoll moralment konvinta dwar il-kunsidrazzjoni taghha f'din il-materja la darba l-imputat ma sofra ebda offiza fuq il-persuna tieghu li ghalhekk seta' kien

dovut ghaliex preventivament laqa' ghall-intenzjoni tal-parte civile, pero' mkien ma jghid li kien il-parte civile li aggredieh jew wera l-intenzjoni li jaggredieh;

32. L-appellant iressaq ukoll l-argument li hu qatt ma ammetta li uża sikkina imma li kellu biċċa njama liema sikkina qatt ma nstabet mill-Pulizija u li t-tabib ma qalx li l-offiżi kienu kompatibbli ma' daqqiet ta' sikkina. Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti hija konvinta li l-arma li ntużat kienet sikkina tant li waħda mix-xhieda tiddeskriviha bħala 'a butcher's knife.' Il-vittma nnifsu qal lit-tabiba li l-offiżi kienu saru b'sikkina u ma kienx mehtieg lit-tabiba tghid jekk l-offizi humhiex kompatibbli ma' daqqiet ta' sikkina, haga din li wara kollox huwa facilment deducibbli mir-ritratti esebit li juru lacerazzjonijiet u mhux kontuzzjonijiet;

33. Kwantu n-nuqqas ta' intenzjoni tal-appellant li jwettaq "gerha" [*recte :* offiza] gravi fl-argument tieghu in rigward, l-imputat jirritjeni illi l-intenzjoni tieghu fil-pussess tal-arma kienet intiza biex tbeżża. Inoltre, n-natura tal-ġrieħi [*recte*: offizi] u l-partijiet tal-ġisem ma kienux vitali. Jghid ukoll illi l-provi għall-attentat għall-offiża gravi jridu jkunu ċari.Il-Qorti ma taqbel xejn ma'dan. Meta l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jitkellem fuq tentattiv (u mhux attentat) jaghmel hekk dwar delitt li ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu. Mix-xhieda mressqa jirrizulta illi l-imputat waqaf mill-agir tieghu minhabba intervent tan-nies u ma hemm xejn li seta' induca lill-ewwel Qorti temmen illi dan ma kienx minnu. . L-offizi sofferti mill-parte civile ma jistghax jinghad li dawn kienu intizi biex

ibezza' aktar u aktar meta akkumpanjat bil-kliem "noqtlok, noqtlok'. Indizji dawn li jippuntaw f'direzzjoni wahda u univoka li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jaghmel offizi gravi fuq il-persuna ta' huh.

34. Fil-bqija l-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet l-ohra kompriz dik ta' offiza b'arma regolari u garr ta' sikkina minghajr permess kienu debitament pruvati u ghalhekk din il-Qorti tqis li dik tal-ewwel Grad setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

35. Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena msejjes fuq il-premessa li din hija wahda harxa u li r-recidiva kienet provenjenti minn sentenza dwar reat minuri dwar il-kacca u li ghaliha kien wehel multa ta' €400.00 wara ammissjoni, irid jinghad fl-ewwel lok illi fl-addebitu tar-recidiva l-artikoli 49 u 50 ma jghamlu ebda distinzjoni bejn reat u iehor. . Huwa l-artikolu 50 li jitkellem dwar "delitt" u dak li dwaru kien misjub hati l-imputat huwa delitt kontra l-provvedimenti tar-regolamenti taht il-Kap 504 (illum 549) tal-ligijiet ta' Malta;

36. Kwantu l-ewwel imputazzjoni wahidha, l-imputat kien passibbli ghall-prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin. Ridotta bi grad jew tnejn fit-termini tal-artikolu 41 stante li hawn si tratta ta' tentattiv, dan it-terminu jinbidel ghal dak ta' bejn tlett snin u tmien snin u rega' mizjud bi grad jew tnejn minhabba r-recidiva jerga' lura ghal dak ta' bejn hames u ghaxar snin. L-ewwel Qorti erogat piena karcerarja ta' tmien xhur u l-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza.

It-terminu ta' tmien xhur allura huwa altru li taht il-minimu erogabbli u tenut li bl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta l-imputat ma jistax jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-istess Kap dwar sentenza sospiza, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena;

37. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.